Nru./No. 18,387
Prezz/Price
€4.47

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 10 ta' Marzu, 2009
Tuesday, 10th March, 2009

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 2145 - 2149
Government Notices ..... *2145 - 2149*

Avviżi tal-Pulizija ..... 2149 - 2152
Police Notices ..... *2149 - 2152*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 2153 - 2186
Employment Opportunities ..... *2153 - 2186*

Avviżi tal-Gvern ..... 2187 - 2190
Notices ..... *2187 - 2190*

Offerti ..... 2191 - 2227
Tenders ..... *2191 - 2227*

Avviżi tal-Qorti ..... 2227 - 2236
Court Notices ..... *2227 - 2236*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 191

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 18,384 u 18,386 tat-3 u s-6 ta' Marzu 2009 rispettivament.

A.L. Nru. 54 tal-2009: Att dwar il-Ħarsien tal-Ambjent (Kap. 435); Regolamenti tal-2009 dwar il-Kontroll tal-Emissjonijiet tal-Komposti Organiċi Volatili - KOV (Ħażna u Distribuzzjoni ta' Petrol mit-*Terminals* lejn Stazzjonijiet tal-Petrol).

A.L. Nru. 55 tal-2009: Ordinanza dwar Self Lokali *(Stock* u Titoli Reġistrati) (Kap. 161); Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għall-Ħruġ ta' Ewro 70,000,000 (i) 3.6% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2013 (IV) (Ir-Raba' Ħruġ) jew (ii) 5% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2021 (I) (L-Ewwel Ħruġ) *Fungibility Issue* jew (iii) F'ammonti miż-żewġ *Stocks* imsemmija b'valur nominali flimkien ta' Ewro 70,000,000.

A.L. Nru. 56 tal-2009: *Product Safety Act (Cap. 427); Interoperability of the Trans-European High-speed Rail System (Amendment) Regulations, 2009.*

A.L. Nru. 57 tal-2009: Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123); Regoli tal-2009 li jemendaw ir-Regoli dwar Studenti Ospitati (Taxxa fuq l-*Income).*

A.L. Nru. 58 tal-2009: Att dwar il-Mediċini (Kap. 458); Regolamenti tal-2009 dwar Prodotti Mediċinali Disponibbli fis-Servizzi tas-Saħħa tal-Gvern.

A.L. Nru. 59 tal-2009: Att dwar l-Intrapriża ta' Malta (Kap. 463); Regolamenti tal-2009 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Assistenza lil Intrapriżi Żgħar jew ta' Daqs Medju.

A.L. Nru. 60 tal-2009: Att dwar l-Intrapriża ta' Malta (Kap. 463); Regolamenti tal-2009 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Inċentivi għas-Sostenn tal-Intrapriża.

A.L. Nru. 61 tal-2009: Att dwar l-Awtorità tad-Djar (Kap. 261); Ordni tal-2009 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 2).

L-10 ta' Marzu, 2009

GOVERNMENT NOTICES

No. 191

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 18,384 and 18,386 of the 3rd and the 6th March 2009 respectively.

L.N. No. 54 of 2009: Environment Protection Act (Cap. 435); Control of Volatile Organic Compound - VOC Emissions (Storage and Distribution of Petrol from Terminals to Service Stations) Regulations, 2009.

L.N. No. 55 of 2009: Local Loans (Registered Stock and Securities) Ordinance (Cap. 161); Directive by the Minister of Finance, the Economy and Investment for the Issue of Euro 70,000,000 (i) 3.6% Malta Government Stock 2013 (IV) (Fourth Issue) or; (ii) 5% Malta Government Stock 2021 (I) (First Issue) (Fungibility Issue) or of; (iii) Any combination of the above two Stocks shall in the aggregate be Euro 70,000,000.

L.N. No. 56 of 2009: Product Safety Act (Cap. 427); Interoperability of the Trans-European High-speed Rail System (Amendment) Regulations, 2009.

L.N. No. 57 of 2009: Income Tax Act (Cap. 123); Hosting of Students (Income Tax) (Amendment) Rules, 2009.

L.N. No. 58 of 2009: Medicines Act (Cap. 458); Availability of Medicinal Products within the Government Health Services Regulations, 2009.

L.N. No. 59 of 2009: Malta Enterprise Act (Cap. 463); Assistance to Small and Medium-Sized Undertakings (Amendment) Regulations, 2009.

L.N. No. 60 of 2009: Malta Enterprise Act (Cap. 463); Enterprise Support Incentives Regulations (Amendment) Regulations, 2009.

L.N. No. 61 of 2009: Housing Authority Act (Cap. 261); Housing Authority (Transfer of Assets) (No. 2) Order, 2009.

10th March, 2009

Nru. 192

MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI

Ħatra ta' Segretarju Permanenti

IL-PRESIDENT ta' Malta, fuq parir tal-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ħatar lid-Dott. Kenneth Grech, M.D., M.Sc.(Lond.), M.B.A., D.L.S.H.T.M., bħala Segretarju Permanenti (Saħħa, Anzjani u Kura fil-Kommunità) fil-Ministeru għall-Politika Soċjali skont l-Artikolu 92 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta b'seħħ mill-20 ta' Marzu, 2009.

L-10 ta' Marzu, 2009

No. 192

MINISTRY FOR SOCIAL POLICY

Appointment of Permanent Secretary

THE PRESIDENT of Malta, on the advice of the Prime Minister, given after consultation with the Public Service Commission, appointed Dr Kenneth Grech, M.D., M.Sc.(Lond.), M.B.A., D.L.S.H.T.M., as Permanent Secretary (Health, the Elderly and Community Care) in the Ministry for Social Policy in terms of Article 92 (3) of the Constitution of Malta with effect from 20th March, 2009.

10th March, 2009

Nru. 193

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, KULTURA, ŻGĦAŻAGĦ U SPORT

Ħatra ta' Segretarju Permanenti

IL-PRESIDENT ta' Malta, fuq parir tal-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ħatar Dott. Christopher Bezzina, Ph. D. (Brunel), bħala Segretarju Permanenti (Politika Soċjali) fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport skont l-Artikolu 92 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta b'seħħ mill-24 ta' Frar, 2009.

L-10 ta' Marzu, 2009

No. 193

MINISTRY OF EDUCATION, CULTURE, YOUTH AND SPORT

Appointment of Permanent Secretary

THE PRESIDENT of Malta, on the advice of the Prime Minister, given after consultation with the Public Service Commission, appointed Dr Christopher Bezzina, Ph. D. (Brunel), as Permanent Secretary in the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport in terms of Article 92 (3) of the Constitution of Malta with effect from 24th February, 2009.

10th March, 2009

Nru. 194

MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI

Ħatra ta' Segretarju Permanenti

IL-PRESIDENT ta' Malta, fuq parir tal-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ħatar lis-Sur Francis A. Borg, B.A. (Gen.), Dip. Counselling, Dip. Admin. & Mngt., bħala Segretarju Permanenti (Politika Soċjali) fil-Ministeru għall-Politika Soċjali skont l-Artikolu 92 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta b'seħħ mill-24 ta' Frar, 2009.

L-10 ta' Marzu, 2009

No. 194

MINISTRY FOR SOCIAL POLICY

Appointment of Permanent Secretary

THE PRESIDENT of Malta, on the advice of the Prime Minister, given after consultation with the Public Service Commission, appointed Mr Francis A. Borg, B.A. (Gen.), Dip. Counselling, Dip. Admin. & Mngt., as Permanent Secretary (Social Policy) in the Ministry for Social Policy in terms of Article 92 (3) of the Constitution of Malta with effect from 24th February, 2009.

10th March, 2009

Nru. 195

TRIBUNAL GĦAL SERVIZZI FINANZJARJI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 21 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (Kap. 330) u Artiklu 2 tal-Att dwar is-Swieq Finanzjarji (Kap. 345), il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għoġbu jaħtar it-Tribunal għas-Servizzi Finanzjarji għal tlett snin li ġejjin sas-16 ta' Frar 2012 kif ġej:

Chairman
Dott. Pierre Lofaro, LL.D.

Members
Is-Sur Frank Bonello, FCIB
Is-Sur Mario Bonello, ACIB

Huwa magħruf ukoll li bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-Artiklu 57 tal-Att dwar il-Kummerċ tal-Assigurazzjoni (Kap. 403), il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment ħatar il-membri sostituti fuq it-Tribunal għal Servizzi Finanzjarji għall-finijiet ta' proċeduri li joħorġu taħt l-Att tal-Kummerċ tal-Assigurazzjoni kif ġej:

Membri Sostituti:
Is-Sur Joseph Kenely, MSC, ACMA, FIA, CPAA
Maj. Francis X. Naudi, FIA, CPAA

L-10 ta' Marzu, 2009

No. 195

FINANCIAL SERVICES TRIBUNAL

IT is notified for general information that in exercise of the powers conferred by Article 21 of the Malta Financial Services Authority Act (Cap. 330) and Article 2 of the Financial Markets Act (Cap. 345), the Minister of Finance, the Economy and Investment has appointed the Financial Services Tribunal as follows for a period of three years ending on the 16th February 2012.

Chairman
Dr Pierre Lofaro, LL.D.

Members
Mr Frank Bonello, FCIB
Mr Mario Bonello, ACIB

It is further notified that, in exercise of the powers conferred by Article 57 of the Insurance Business Act (Cap. 403), the Minister of Finance, the Economy and Investment has appointed the following as substitute members of the Financial Services Tribunal for the purpose of procedures arising under the Insurance Business Act.

Substitute Members:
Mr Joseph Kenely, MSC, ACMA, FIA, CPAA
Maj. Francis X. Naudi, FIA, CPAA

10th March, 2009

Nru. 196

ATT TAL-1992 DWAR L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP

Membru tal-Kummissjoni għall-Kontroll tal-Iżvilupp

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 13(1)(ċ) tal-Att tal-1992 dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, il-persuna li tidher hawn taħt ġiet innominata mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar biex taġixxi bħala membru tal-Kummissjoni għall-Kontroll tal-Iżvilupp b'seħħ mill-10 ta' Marzu, 2009:

Diviżjoni A

Is-Sur Karmenu Abela minflok is-Sur Mark Psaila

L-10 ta' Marzu, 2009

No. 196

DEVELOPMENT PLANNING ACT, 1992

Member of the Development Control Commission

IN VIRTUE of the powers granted by Section 13(1)(c) of the Development Planning Act 1992, the following person has been appointed by the Malta Environment and Planning Authority to act as member of the Development Control Commission with effect from 10th March, 2009:

Division A

Mr Karmenu Abela replacing Mr Mark Psaila

10th March, 2009

Nru. 197

ATT DWAR IL-*CONDOMINIA*
(Kap. 398)

B'DIN qed ngħarraf li jiena rċivejt applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' u/jew emendi tar-regolamenti li jirregolaw l-imsemmija *condominia:-*

Nru. tal-Condominium *Condominium Number*	Indirizz tal-Condominium *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
275	BSL Centre Triq San Ġiljan San Ġwann	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	23/01/2009
291	Kira Mansions Triq Reggie Miller Gżira	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	30/10/2008
312	Azzopardi Flats Triq San Publiju San Pawl il-Baħar	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	21/01/2009
313	St Peter's Court Block C Triq in-Naħla Żabbar	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	02/02/2009
317	Bayview Court Triq San Nikola Marsaskala	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	23/02/2009

Dott. Stephanie Pappalardo
Reġistratur ta' l-Artijiet

L-10 ta' Marzu, 2009

No. 197

CONDOMINIUM ACT
(Cap. 398)

NOTICE is hereby given that I have received an application for the registration of and/or amendment to rules regulating the following condominia:-

Nru. tal-Condominium *Condominium Number*	Indirizz tal-Condominium *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
275	BSL Centre Triq San Ġiljan San Ġwann	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	23/01/2009
291	Kira Mansions Triq Reggie Miller Gżira	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	30/10/2008
312	Azzopardi Flats Triq San Publiju San Pawl il-Baħar	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	21/01/2009
313	St Peter's Court Block C Triq in-Naħla Żabbar	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	02/02/2009
317	Bayview Court Triq San Nikola Marsaskala	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	23/02/2009

Dr Stephanie Pappalardo
Land Registrar

10th March, 2009

Nru. 198

AKKWIST TA' ART

Emenda

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru.177 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-4 ta' Marzu 2009, fl-istima tal-Perit Michael Schembri A & C.E. datata 3 ta' Diċembru 2008, il-valur imsemmi fl-aħħar paragrafu kellu jkun ta' elfejn, tmien mija u ħamsa u għoxrin Ewro (€2,825) fis-sena.

L-10 ta' Marzu, 2009

No. 198

ACQUISITON OF LANDS

Correction

WITH reference to Government Notice No.177 published in the Government Gazette of the 4th March 2009, in the valuation by Architect Michael Schembri A & C.E. dated 3rd December 2008, the mentioned value in the last paragraph should be of two thousand, eight hundred and and twenty five Euros (€2,825) per annum.

10th March, 2009

Nru. 199

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
10. 03. 09	€24.048	€0.369

L-10 ta' Marzu, 2009

No. 199

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

10th March, 2009

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 12

Bis-saħħa tal-artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa projbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ir-Rabat (Għawdex)

Nhar is-Sibt, it-28 ta' Marzu 2009 mill-5.00 p.m. sal-10.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza San Ġorġ, San Ġorġ, il-Providenza, Alfons Maria Hili u l-Karità.

Nhar il-Ħadd, il-5 ta' April 2009 mit-8.00 a.m. sas-2.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza San Ġorġ, San Ġorġ, Pjazza l-Indipendenza u San Ġużepp.

Nhar it-Tnejn, is-6 ta' April 2009 mill-5.00 p.m. sal-10.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza San Franġisk, Vajringa, l-Iskola, il-Karita u Pjazza San Ġorġ.

Nhar l-Erbgħa, it-8 ta' April 2009 mis-2.00 p.m. sal-10.00 p.m. minn Pjazza San Ġorġ.

Nhar il-Ħamis, id-9 ta' April 2009 mis-2.00 p.m. sal-10.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza San Ġorġ, San Ġużepp, Savina,

POLICE NOTICE

No. 12

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Victoria (Gozo)

On Saturday, 28th March 2009 from 5.00 p.m. till 10.00 p.m. through the following streets: Pjazza San Ġorġ, San Ġorġ, il-Providenza, Alfons Maria Hili and il-Karità.

On Sunday, 5th April 2009 from 8.00 a.m. till 2.00 p.m. through the following streets: Pjazza San Ġorġ, San Ġorġ, Pjazza l-Indipendenza and San Ġużepp.

On Monday, 6th April 2009 from 5.00 p.m. till 10.00 p.m. through the following streets: Pjazza San Franġisk, Vajringa, l-Iskola, il-Karita and Pjazza San Ġorġ.

On Wednesday, 8th April 2009 from 2.00 p.m. till 10.00 p.m. through Pjazza San Ġorġ.

On Thursday, 9th April 2009 from 2.00 p.m. till 10.00 p.m. through the following streets: Pjazza San Ġorġ, San Ġużepp,

Santa Marija, it-Tomba, Vajringa, il-Librerija, Pjazza San Franġisk, Palma, ir-Repubblika u Pjazza l-Indipendenza.

Nhar il-Ġimgħa, l-10 ta' April 2009 mis-1.00 p.m.sal-10.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza Katidral, Telgħa tal-Belt, A. Dingli, Pjazza Savina, Santa Marija, Pjazza Tomba, Vajringa, Pjazza San Franġisk, Palma, il-Librerija, ir-Repubblika u Pjazza Indipendenza.

Nhar il-Ħadd, it-12 ta' April 2009 mis-7.00 a.m.'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Pjazza San Ġorġ, San Ġużepp, Pjazza Savina, Santa Marija, it-Tomba, Vajringa, il-Librerija, Pjazza San Franġisk, il-Palma, ir-Repubblika u Pjazza Indipendenza.

Huwa pprojbit l-ipparkjar fit-toroq imsemmija hawn fuq u vetturi li jinsabu pparkjati fit-toroq imsemmija hawn fuq ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Il-Qala

Nhar il-Ħadd, il-15 ta' Marzu 2009 mit-3.00 p.m. sal-10.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: in-Nadur, it-Telgħa, il-Mitħna, Simar, il-Qala, San Ġużepp u Pjazza San Ġużepp.

Nhar il-Ġimgħa, it-3 ta' April 2009 mill-5.00 p.m.'il quddiem mit-toroq li ġejjin: San Franġisk, l-Isqof Buttigieg, l-Imġarr, Patri Ġużepp Portelli, Belveder, it-28 ta' April 1688 u Pjazza San Ġużepp.

Nhar il-Ħadd, il-5 ta' April 2009 mis-7.00 a.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: il-Kunċizzjoni u Pjazza San Ġużepp.

Nhar it-Tlieta, is-7 ta' April 2009 mis-2.00 p.m. sal-10.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Ġużepp, Pjazza San Ġużepp, Lord Strickland, l-Isqof Buttigieg, Pjazza l-Isqof Buttigieg u t-28 ta' April 1688.

Nhar il-Ħadd, it-12 ta' April 2009 mit-3.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: San Ġużepp, Pjazza San Ġużepp, Lord Strickland, l-Isqof Buttigieg, Pjazza l-Isqof Buttigieg, it-28 ta' April 1688, l-Indipendenza u Grunju.

Vetturi li jinsabu pparkjati fit-toroq imsemmija hawn fuq ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

L-10 ta' Marzu, 2009

Savina, Santa Marija, it-Tomba, Vajringa, il-Librerija, Pjazza San Franġisk, Palma, ir-Repubblika and Pjazza l-Indipendenza.

On Friday, 10th April 2009 from 1.00 p.m. till 10.00 p.m. through the following streets: Pjazza Katidral, Telgħa tal-Belt, A. Dingli, Pjazza Savina, Santa Marija, Pjazza Tomba, Vajringa, Pjazza San Franġisk, Palma, il-Librerija, ir-Repubblika and Pjazza Indipendenza.

On Sunday, 12th April 2009 from 7.00 a.m. onwards through the following streets: Pjazza San Ġorġ, San Ġużepp, Pjazza Savina, Santa Marija, it-Tomba, Vajringa, il-Librerija, Pjazza San Franġisk, il-Palma, ir-Repubblika and Pjazza Indipendenza.

The parking of vehicles along the above mentioned streets is also prohibited and vehicles found parked there will be towed away.

Qala

On Sunday, 15th March 2009 from 3.00 p.m. to 10.00 p.m. through the following streets: in-Nadur, it-Telgħa, il-Mitħna, Simar, il-Qala, San Ġużepp and Pjazza San Ġużepp.

On Friday, 3rd April 2009 from 5.00 p.m. onwards through the following streets: San Franġisk, l-Isqof Buttigieg, l-Imġarr, Patri Ġużepp Portelli, Belveder, it-28 ta' April 1688 and Pjazza San Ġużepp.

On Sunday, 5th April 2009 from 7.00 a.m. onwards through the following streets: il-Kunċizzjoni and Pjazza San Ġużepp.

On Tuesday, 7th April 2009 from 2.00 p.m. till 10.00 p.m. through the following streets: San Ġużepp, Pjazza San Ġużepp, Lord Strickland, l-Isqof Buttigieg, Pjazza l-Isqof Buttigieg and it-28 ta' April 1688.

On Sunday, 12th April 2009 from 3.00 p.m. onwards through the following streets: San Ġużepp, Pjazza San Ġużepp, Lord Strickland, l-Isqof Buttigieg, Pjazza l-Isqof Buttigieg, it-28 ta' April 1688, l-Indipendenza and Grunju.

Vehicles found parked at the above mentioned streets are subject for towing.

10th March, 2009

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 13

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 94/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ir-Rabat (Malta)

Nhar il-Ħadd, il-15 ta' Marzu, nhar it-Tnejn is-16 ta' Marzu u nhar it-Tlieta, is-17 ta' Marzu 2009 fit-8.00 a.m., nofsinhar u s-7.30 p.m. mill-*By Pass* tal-Imtarfa.

Nhar il-Ħadd, il-15 ta' Marzu 2009 mis-6.30 a.m. sal-11.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: Santu Wistin, Pjazza l'Isle Adam, San Ġużepp u l-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù fi Triq San Pawl.

Nhar it-Tnejn, is-16 ta' Marzu 2009 mis-6.30 p.m. sal-11.45 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Pawl (il-parti ta` quddiem ir-Restaurant Cosmana Navarra), il-Vitorja, Santa Rita (in-naħa tal-Pjazza tal-Parroċċa), il-Kbira, ir-Repubblika, Santu Wistin, Pjazza l'Isle Adam u San Ġużepp.

Nhar it-Tlieta, is-17 ta' Marzu 2009 mis-6.30 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: San Pawl, Bir l-Iljun, Doni l-Qadima, Flats tal-Gvern, Doni, San Bartilmew, Żondadari, Santu Wistin, Pjazza l'Isle Adam u San Ġużepp.

Nhar it-Tlieta, is-17 ta' Marzu 2009 bejn is-2.00 p.m. u n-12.30 a.m. minn Wesgħa tal-Mużew (Għalqa ta' Kola).

Nhar il-Erbgħa, it-18 ta' Marzu 2009 fit-8.00 a.m., nofsinhar, is-6.15 p.m. u l-10.00 p.m. mill-*By Pass* tal-Imtarfa.

Nhar il-Erbgħa, it-18 ta' Marzu 2009 bejn is-2.00 p.m. u n-12.30 a.m. minn Wesgħa tal-Mużew (Għalqa ta' Kola).

Nhar l-Erbgħa, it-18 ta' Marzu 2009 mill-5.00 p.m. sal-11.45 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Ġużepp, Doni u San Pawl.

Nhar l-Erbgħa, it-18 ta' Marzu 2009 mill-6.30 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: San Pawl, San Ġużepp, Santu Wistin, ir-Repubblika, il-Kbira u San Pawl (il-parti ta' quddiem ir-Restaurant Cosmana Navarra) (quddiem il-Monument ta' San Ġużepp).

POLICE NOTICE

No. 13

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the dates and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Rabat (Malta)

On Sunday 15th March, on Monday 16th March and on Tuesday 17th March 2009 at 8.00 a.m., noon and 7.30 p.m. through the Mtarfa By Pass.

On Sunday, 15th March 2009 from 6.30 a.m. till 11.00 a.m. through the following streets: Santu Wistin, Pjazza l'Isle Adam, San Ġużepp and the Church of St Mary of Jesus in Triq San Pawl.

On Monday, 16th March 2009 from 6.30 p.m. till 11.45 p.m. through the following streets: San Pawl (the part in front of Restaurant Cosmana Navarra), il-Vitorja, Santa Rita (Parish Square Side), il-Kbira, ir-Repubblika, Santu Wistin, Pjazza l'Isle Adam and San Ġużepp.

On Tuesday, 17th March 2009 from 6.30 p.m. till midnight through the following streets: San Pawl, Bir l-Iljun, Doni l-Qadima, Government Flats, Doni, San Bartilmew, Żondadari, Santu Wistin, Pjazza l'Isle Adam and San Ġużepp.

On Tuesday, 17th March 2009 between 2.00 p.m. and 12.30 a.m. through Wesgħa tal-Mużew (Għalqa ta' Kola).

On Wednesday, 18th March 2009 at 8.00 a.m., noon, 6.15 p.m. and 10.00 p.m. through the Mtarfa By Pass.

On Wednesday, 18th March 2009 between 2.00 p.m. and 12.30 a.m. through Wesgħa tal-Mużew (Għalqa ta' Kola).

On Wednesday, 18th March 2009 from 5.00 p.m. till 11.45 p.m. through the following streets: San Ġużepp, Doni and San Pawl.

On Wednesday, 18th March 2009 from 6.30 p.m. till midnight through the following streets: San Pawl, San Ġużepp, Santu Wistin, ir-Repubblika, il-Kbira and San Pawl (the part in front of Restaurant Cosmana Navarra), (in front of St Joseph monument).

Nhar il-Ħamis, id-19 ta' Marzu 2009 fid-9.00 a.m., nofsinhar u mis-7.00 p.m. sal-10.00 p.m. mill-*By Pass* tal-Imtarfa.

Nhar il-Ħamis, id-19 ta' Marzu 2009 mill-6.30 a.m. sad-9.30 a.m. mit-toroq li ġejjin: Vjal Santu Wistin, Santu Wistin, Pjazza l'Isle Adam, San Ġużepp u San Pawl.

Nhar il-Ħamis, id-19 ta' Marzu 2009 mill-11.00 a.m. sad-5.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Pawl, il-Patrijiet, San Martin, Doni l-Qadima, Wesgħa tal-Mużew, Doni, San Bartilmew, Żondadari, Santu Wistin, Pjazza l'Isle Adam u San Ġużepp.

Nhar il-Ħamis, id-19 ta' Marzu 2009 mill-4.00 p.m. sad-9.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Doni, San Pawl, San Ġużepp, Pjazza l'Isle Adam, Santu Wistin, ir-Repubblika u l-Kbira.

Nhar il-Ħamis, id-19 ta' Marzu 2009 mill-4.00 p.m. sad-10.15 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Pawl, San Ġużepp, Pjazza l'Isle Adam, Santu Wistin u parti minn Pjazza Saqqajja u l-Kbira

L-Imdina

Nhar il-Ħamis, id-19 ta' Marzu 2009 mill-6.30 a.m. sad-9.30 a.m. mit-toroq li ġejjin: Villegaignon, Pjazza San Publju u Bieb tal-Imdina.

Nhar il-Ħadd il-15 ta' Marzu, nhar it-Tnejn is-16 ta' Marzu u nhar it-Tlieta s-17 ta' Marzu 2009 fis-7.30 p.m. minn (Ġonna Tomba Howard) Triq l-Għarreqin (il-Foss).

Nhar il-Erbgħa, it-18 ta' Marzu 2009 fit-8.00 a.m., is-6.15 p.m. u l-11.00 p.m. minn (Ġonna Tomba Howard) Triq l-Għarreqin (il-Foss).

Nhar il-Ħamis, id-19 ta' Marzu 2009 fis-7.00 p.m. u l-10.00 p.m. minn (Ġonna Tomba Howard) Triq l-Għarreqin (il-Foss).

Ħad-Dingli

Nhar is-Sibt, l-4 ta' April 2009 bejn l-4.00 p.m. u d-9.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Kbira (ħdejn Dar Don Bosco), San Rokku, il-Parroċċa, Misraħ Frenċ Abela, Ċensa Spiteri, Ġużé Ellul Mercer, Ġużi Cutajar u Għar Bittija.

Vetturi li jiksru dan l-avviż, jistgħu jiġu rmunkati.

L-10 ta' Marzu, 2009

On Thursday, 19th March 2009 at 9.00 a.m., noon and from 7.00 p.m. to 10.00 p.m. through the Mtarfa By Pass.

On Thursday, 19th March 2009 from 6.30 a.m. till 9.30 a.m. through the following streets: Vjal Santu Wistin, Santu Wistin, Pjazza l'Isle Adam, San Ġużepp and San Pawl.

On Thursday, 19th March 2009 from 11.00 a.m. till 5.30 p.m. through the following streets: San Pawl, il-Patrijiet, San Martin, Doni l-Qadima, Wesgħa tal-Mużew, Doni, San Bartilmew, Żondadari, Santu Wistin, Pjazza l'Isle Adam and San Ġużepp.

On Thursday, 19th March 2009 from 4.00 p.m. till 9.30 p.m. through the following streets: Doni, San Pawl, San Ġużepp, Pjazza l'Isle Adam, Santu Wistin, ir-Repubblika and il-Kbira.

On Thursday, 19th March 2009 from 4.00 p.m. till 10.15 p.m. through the following streets: San Pawl, San Ġużepp, Pjazza l'Isle Adam, Santu Wistin, part from Pjazza Saqqajja and il-Kbira.

Mdina

On Thursday, 19th March 2009 from 6.30 a.m. till 9.30 a.m. through the following streets: Villegaignon, Pjazza San Publju and Mdina Gate.

On Sunday 15th March, on Monday 16th March and on Tuesday 17th March 2009 at 7.30 p.m. through (Tomba Howard Gardens), Triq l-Għarreqin (il-Foss).

On Wednesday, 18th March 2009 at 8.00 a.m., 6.15 p.m. and 11.00 p.m. through (Tomba Howard Gardens), Triq l-Għarreqin (il-Foss).

On Thursday, 19th March 2009 at 7.00 p.m. and 10.00 p.m. through (Tomba Howard Gardens), Triq l-Għarreqin (il-Foss).

Dingli

On Saturday, 4th April 2009 between 4.00 p.m. and 9.00 p.m. through the following streets: il-Kbira (near Dar Don Bosco), San Rokku, il-Parroċċa, Misraħ Frenċ Abela, Ċensa Spiteri, Ġużé Ellul Mercer, Ġużi Cutajar and Għar Bittija.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

10th March, 2009

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Ingaġġ fuq *Assignment*
fil-Pożizzjonijiet ta' *Research Officer*
fir-rappreżentanza Permanenti ta' Malta
għall-Unjoni Ewropea**

Skond klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Research Officer* fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investment. L-uffiċjal li jinħatar fil-pożizzjoni ta' *Research Officer* ikun residenti fi Brussel u jkun responsabbli li jagħti għajnuna lit-*Technical Attaches* kif u kull meta jkun meħtieġ.

2.1. Il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f'*assignment* ta' sitta u tletin xahar bħala *Research Officer.* F'każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti bħala *Research Officer* matul il-perjodu tal-*assignment*, l-*assignment* jintemm. Din il-pożizzjoni taqa' taħt ir-Regolament 7 (4)(d) tal-Avviż Legali Nru 51/2007, kif sostitwit b'Regolament 3 (b)(4)(d) tal-Avviż Legali Nru. 239/2008.

2.2. Jekk il-persuna magħżula għandha grad sostantiv/impieg permanenti fis-Servizz/Settur Pubbliku, hija żżomm dan il-grad sostantiv/impieg permanenti waqt il-perjodu tal-*assignment* u terġa lura għal dan il-grad sostantiv/impieg permanenti meta l-*assignment* jintemm. Fil-każ li l-persuna magħżula ma jkollhiex grad sostantiv/impieg permanenti mal-Gvern, is-servizz tagħha mal-Gvern jintemm f'każ li l-*assignment* bħala *Research Officer* jintemm.

2.3. Jekk il-persuna magħżula tkun uffiċjal pubbliku u matul il-perjodu tal-kuntratt, tinħatar fi grad bi skala ta' salarju pgħla minn Skala 9, hija tkun meħtieġa li tirrinunzja d-doveri ta' *Research Officer* u li tkun trasferita għad-doveri relatati mal-grad il-ġdid tagħha. Barra minn hekk, jekk is-salarju sostantiv ta' persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 9 kif applikabbli permezz ta' *progression*, il-persuna titħalla tkompli l-perjodu tal-ingaġġ tagħha kif provdut bil-kuntratt li jkun effettiv dak iż-żmien, iżda mbagħad ma tiġix offruta tiġdid tal-kuntratt.

3. Is-salarju għal din il-pożizzjoni ta' *Research Officer* jkun il-massimu ta' skala ta' salarju 9 tal-iskali ta' salarji tas-Servizz Pubbliku (€18,556 fl-2009). Il-persuna magħzula tirċievi wkoll l-istess pakkett ta' benefiċċji u *allowances* li huwa intitolat għalihom Uffiċjal Pubbliku fil-grad ta' *Second Secretary* fid-*Diplomatic Grades*. F'każ li l-persuna magħżula tkun uffiċjal pubbliku, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

**Engagement on Assignment in the Position of
Research Officer at the
Permanent Representation of Malta
to the European Union**

In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Public Service Commission invites applications for the position of Research Officer within the Ministry of Finance, the Economy and Investment. Officers appointed to the position of Research Officer will be stationed in Brussels and will be responsible to provide assistance to the Technical Attaches as and whenever necessary.

2.1. The selected candidate will enter into a thirty-six (36) month assignment as a Research Officer. Unsatisfactory performance as Research Officer during the assignment period will lead to termination of the assignment. Moreover, this is an assignment covered by Regulation 7 (4)(d) of Legal Notice 51/2007 as substituted by Regulation 3(b)(4)(d) of Legal Notice 239/2008.

2.2. If the selected candidate has a substantive grade/permanent employment in the Public Service, he/she will retain his/her substantive grade during the assignment period and will revert to his/her substantive grade on the termination of the assignment. In the case of a selected candidate who does not hold such substantive grade/permanent employment, his/her service with Government will be terminated in the event that his/her assignment is terminated.

2.3 If the selected candidate is a public officer holding a substantive grade and is, during the assignment period, appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 9, he/she will be expected to relinquish the duties of Research Officer and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. However, if the substantive salary of a selected officer becomes higher than the maximum Salary Scale 9 through progression, he/she will be allowed to complete his/her current term of engagement but will not be offered an extension of the assignment period.

3. The salary attached to the position of Research Officer is the maximum point of salary scale 9 of the Public Service salary scales (€18,556 in 2009). In addition, the selected person will receive the same compensation package by way of benefits and allowances paid to a Public Officer in the Diplomatic Grade of Second Secretary. Where applicable, for the purpose of the 1937 Pension Ordinance, the difference between the salary to which the selected officer is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary, benefits and allowances of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

4. L-ingaġġ bħala *Research Officer* huwa fuq bażi *full-time* u l-persuna magħżula tkun residenti fi Brussel.

Deskrizzjoni dettaljata tad-dmirijiet marbuta ma' din il-pożizzjoni hija mehmuża ma din is-sejħa bħala Appendiċi I

5. L-applikanti għandhom:

(i) ikunu ċittadini ta' Malta;

(ii) ikollhom *degree* rikonoxxut, jew kwalifika rikonoxxuta u komparabbli f'suġġett relatat;

(iii) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar tard minn sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kienux impjegati tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji).

6.1. Persuni rregistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta ikunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkuppjata lill-KNPD.

7. Malli tkun ingaġġata, il-persuna magħzula tkun mistennija li tidħol f'kuntratt bħala *Research Officer* u tintrabat bil-kundizzjonijiet stipulati fil-kuntratt.

8.1 L-applikanti eliġibbli jkunu jridu joqogħdu għal *interview* minn Bord tal-Għażla biex jiġi aċċertat li huma adattati għal din il-pożizzjoni.

8.2 Il-Bord tal-Għażla jgħarbel il-kompetenza, il-kapaċitajiet, l-esperjenza, l-karattteristiċi personali ta' kull kandidat u l-potenzjal li għandu sabiex jaqdi d-dmirijiet marbuta ma' din il-pozizzjoni ta' *Research Officer.* Sabiex tiġi żgurata uniformità u għazla ġusta, skeda bil-kriterji li

4. The engagement as Research Officer is on a full-time basis and the selected person will be resident in Brussels.

A detailed job description in respect of the position is attached as Appendix I to this call.

5. Applicants must:

(i) be citizens of Malta;

(ii) be in possession of a recognized degree, or a recognized comparable qualification in a related field;

(iii) be of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Police Certificate of conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

6.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

6.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

7. On engagement, the selected applicant will be required to enter into an agreement as Research Officer and will be bound by the terms and conditions stipulated in the agreement.

8.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

8.2 The Selection Board will assess the candidates' knowledge, skills, experience, personal attributes and overall potential for assuming the responsibilities attached to the position of Research Officer. A schedule of assessment criteria and weightings has been established for the selection

fuqhom issir l-għazla hija stabbilita. Kopja ta' din l-iskeda hija mehmuża ma' din is-sejħa bħala Appendiċi II.

8.3 Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippublika r-riżultat tal-intervisti. Kopji tar-rizultat jiġu esebiti fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tal-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat.

9. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9.1 Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet/Istituzzjonijiet edukattivi terzjarji, jew istituzzjonijiet oħra, Maltin jew barranin (esklużi kwalifiki mogħtija mill-Università ta' Malta, il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija, Istitut għall-Istudji Turistiċi u l-*Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage*), li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (MQRIC) fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħazagħ u Sport jew l-awtorità kompetenti skont il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali jintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkostanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. L-applicanti li ma jilħquxjippreżentaw ir-rapport fi żmien xahar minħabba xi raġuni li m'għandhomx kontroll fuqha, jistgħu jitolbu estensjoni fuq dan ix-xahar lill-Kap tad-Dipartiment riċeventi u jagħtu r-raġunijiet għal dan id-dewmien. Estensjonijiet 'l fuq minn dan il-perjodu għandhom jintbagħtu għall-konsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

10. Il-persuna magħżula tkun trid toqogħd għall eżami mediku biex jiġi assigurat li hija adattata għal din il-pożizzjoni.

11. ll-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn *il-websites:*

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
jew jinkisbu mill-Ministeru tal-Finanzi, 'Maison Demandols', South Street, Valletta, CMR02.

process in order to ensure uniformity of approach as well as a fair assessment of candidates. A copy of this schedule is attached to this call as Appendix II.

8.3 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Ministry of Finance. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the result.

9. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

9.1 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by Maltese or foreign Universities/ tertiary education or other institutions (excluding qualifications awarded by the University of Malta, Malta College of Arts, Science and Technology, Institute of Tourism Studies and Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage), to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQIRC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within one-month period for reasons beyond their control, may request an extension of this time-limit, up to a further one month, to the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

10. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the position.

11. Application forms may be downloaded from the following websites:-

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
or obtained from the Office of the Permanent Secretary Ministry of Finance, 'Maison Demandols', South Street, Valletta, CMR02.

12. L-applikazzjonijiet, flimkien mal-*curriculum vitae* (GP 47) li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-3 ta' April 2009.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax/email* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) tal-Ġimgħa, it-3 ta' April 2009, jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. Il-formola tal-applikazzjoni ffirmata mill-applikant trid tasal għand is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numri tal-*fax* tal-Minister tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment huwa 00356 21251356.

14. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal għand is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Is-Segretarju Permanent fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

L-10 ta' Marzu, 2009

12. Applications, together with a curriculum vitae (GP47) indicating qualifications and experience, are to be submitted directly to the Permanent Secretary of the Ministry of Finance, the Economy and Investment by not later than noon of Friday, 3rd April 2009.

13. Applications received from abroad through a fax/email or other similar message by noon of Friday, 3rd April 2009 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Permanent Secretary of the Ministry of Finance, the Economy and Investment by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the Office of the Permanent Secretary, Ministry of Finance is 00356 21251356.

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Permanent Secretary Ministry of Finance, the Economy and Investment and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Permanent Secretary Ministry of Finance, the Economy and Investment within seven (7) days.

10th March, 2009

Appendix I

POSITION DESCRIPTION

Position Title: **Research Officer**

Ministry: **Finance**

Responsible To: **Head of Mission/Permanent Representative in Brussels**

The Permanent Secretary, Ministry of Finance

Overall Purpose of Position

Representation of Malta in Council working groups and other EU fora dealing with Customs; supporting the Attaches within the Trade, Economic and Financial Affairs Unit in their the assigned areas of focus; liaising on with the Ministry in respect of matters arising from such fora.

Main Responsibilities

1. Keeping track of developments relevant to one's area of focus (Customs), collecting and scrutinising relevant documentation issued by EU institutions, and forwarding any necessary documentation, information and advice to the Permanent Representative, the Permanent Secretary and other officials as necessary;

2. Alerting the Permanent Representative, the Permanent Secretary and the Director responsible for EU Affairs in the Ministry to issues requiring a response from the Ministry or other line Ministries, and providing advice and input in the development of a Maltese position on such issues;

3. Representing the Ministry in Council working groups and other EU fora dealing with one's area of focus, putting forward Malta's position and participating in discussions in accordance with the brief provided by the Ministry;

4. Communicating developments to the Permanent Representative, the Permanent Secretary and the Director responsible for EU Affairs and advising on follow-up action to be taken, duly informing other officials in the Malta Mission in Brussels, the EU Secretariat in OPM, the Ministry of Foreign Affairs and other authorities as appropriate;

5. Supporting the Technical Attaches with the Economic and Financial Affairs Unit as necessary.

6. Carrying out other work assigned by the Permanent Representative, including covering for Technical Attachés.

Working Conditions

May be required to work beyond regular office hours to meet deadlines or to attend meetings.

Knowledge/Skills/Qualifications

Knowledge of the business of the Ministry and preferably experience in handling related issues

A high level of written and oral communication skills combined with tact and diplomacy

A flexible disposition to work and the ability to work in a team

Ability to work reliably under pressure and prioritise competing demands

Attention to detail and a concern for the maintenance of high standards in one's work

Appendix II

CRITERIA

	Maximum Marks
Knowledge	**30**
Knowledge of the business of the Ministry Relevant qualifications Familiarity with EU institutions, particularly the Council	
Skills	**30**
Ability to assimilate complex information and to rapidly identify key issues Communication skills (particularly in writing)	

Experience	**30**
Experience and track record in handling issues related to the Ministry's work Experience and track record in advisory and policy development work	
Personal attributes	**10**
Commitment and initiative Ability to work in a team Tact and diplomacy	
Maximum	**100**
Minimum	**60**

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Principal Scientific Officer (Radiotherapy Physicist)* fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa)

Skond klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *Principal Scientific Officer (Radiotherapy Physicist)* fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa).

2. Il-post ta' *Principal Scientific Officer* għandu salarju ta' €19,290 fis-sena li jiżdied b'€596.33 fis-sena sa massimu ta' €22,868 (Skala ta' Salarju 6).

